MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2460/2002

**Martin Imbroll**

**vs**

**Kevin Gauci u b'digriet tas-27 ta' Frar 2003 gie nominat l-Avukat Dottor Martin Fenech bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-Anthony Cauchi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm628.18) rapprezentanti danni li sofra l-attur meta l-konvenuti waqt li kienu qed isuqu il-vetturi bin-nurmu tar-registrazzjoni IBF 607 u CAK 635 fis-17 ta' Awissu 2002, gewwa l-Imsida kienu nvoluti f'incident tat-traffiku mal-vettura numru AAN 267 propjeta' tal-attur u kkagunaw danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huma ghalih

unikament responsabbli l-konvenuti, jew min minnhom, stante li s-sewqan taghhom kien wiehed negligenti u traskurat.
Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ ittra ufficjali datata 2 ta’ Settembru 2002, dawk tal-parir (Lm15.00) u ta’ zewg ittri ufficjali ohra prezentati kontestwalment mal-Avviz kontra l-assssikurazzjoni tal-konvenuti u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ dan l-Avviz kontra l-istess konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut Kevin Gauci li eccepixxa s-segwenti:-
Illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Kevin Gauci hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija tal-istess konvenut Kevin Gauci, izda sehh unikament b’negligenza, traskuragni, mperizja jew nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut l-iehor Anthony Cauchi. Ghalhekk Anthony Cauchi ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza.
Bl-ispejjes tal-prezenti.

Ra li l-konvenut Anthony Cauchi ghalkemm debitament notifikat baqa’ ma deherx u ma prezentax risposta.

Sema’ x-xhieda tal-attur, ta PS1102 Robert Everest u ta’ Kevin Gauci. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta’ Awissu 2002, il-Wied tal-Imsida. Milli-provi prodotti mill-partijiet irrizulta li l-attur kien qieghed isuq  il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni AAN 267 gej mid-direzzjoni tal-Belt u sejjer lejn Rue D’Argens. Huwa ghalhekk qabad il-flyover u malli ghamel hekk ra l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAK 635 gejja mid-direzzjoni opposta u cioe’ minn fuq il-flyover u kontra l-One Way. L-attur kiser lejn ix-xellug biex jevita din il-vetttura u meta ghamel hekk dahlet fih minn war il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBF 607 li kienet misjuqa mill-konvenut

Kevin Gauci. Il-vettura bin-numru tar-egistrazzjoni CAK 635, li minn indagni li ghamel il-pulizja li nvestiga l-kaz irrizulta li kient misjuqa mill-konvenut l-iehor Anthony Cauchi, baqghet sejra. Ma kienx hemm impatt bejn din il-vettura u z-zewg vetturi l-ohra nvoluti fl-incident. Il-konvenut Kevin Gauci ikkorobora l-verzjoni moghtija mill-attur fis-sens li huwa spjega li kien gej mid-direzzjoi tal-Belt u qabad il-flyover u kien qed isuq wara l-vettura tal-attur meta dan f'daqqa wahda kiser lejn ix-xellug. Malli l-attur kiser lejn ix-xellug Gauci nduna bil-vetttura misjuqa minn Cauchi gejja kontra l-One way minn fuq il-flyover u ghalhekk anki hu kien kostrett jikser lejn ix-xellug u b'hekk baqa' diehel fil-vettura tal-attur. Gauci spjega li l-vettura misjuqa minn Cauchi baqghet sejra izda huwa lahaq hadilha n-numru tar-registrazzjoni u ghaddieh lill-ppilizjia li nvestiga l-kaz.

Milli premess jirrizulta ampjament pruvat li l-incident de quo sehh unikament tort tal-konvenut Anthony Cauchi li kien qed jipproedi kontra s-sinjal tal-One Way biex b'hekk imblokka l-karreggjata kemm tal-attur kif ukoll tal-konvenut l-iehor Kevin Gauci u holqilhom 'a sudden emergency' u minhabba l-manuvra li gew kostretti jiehdu biex jevitawh dawn iz-zewg sewwieqa spccaw biex habtu ma xulxin. Jidher ghalhekk li l-kawza prossima tal-incident kien is-sewqan traskurat, negligenti u kontra r-regolamenti tat-raffiku da parti tal-konvenut Anthony Cauci.

Il-quantum tad-danni reklamat mill-attur bl-ebda mod ma gie kontestat u fi kwalunkwe kaz huwa esebixxa l-ircevuti relattivi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi, filwaqt li jillibera lill-konvenut Kevin Gauci mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Anthony Cauchi u konsegwentement jikkundannat lill-imsemmi konvenut Anthony Cauchi jhallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm628.18) , bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra uffijali tat-2 ta' Settembru 2002 u dawk tal-ittri ufficjali prezentati

kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut Anthony Cauchi skond Il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------